IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 03**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kumitat iltaqa` nhar**<br>**Il-Ħamis 4 ta' Settembru 2014 fis-5.45 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |
| ** | **Preżenti għal-Laqgħa:** | Attendenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Louise Agius | Membru |

| | | |
|---|---|---|
| **1.00** | **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B02** | |
| 1.01 | Il-minuti tas-seduta nru B02 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B02 |
| **2.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti B02** | |
| 2.01 | 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li tali stima għadha ma ħarġitx peress li l-perit jinsab imsiefer. | Bankina fi Triq Virtù Rd k/m Triq Francesco Azopardi |
| 2.02 | 3.02 Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li l-indirizz huwa 'Maple Farm' Triq il-Buskett, L/O Rabat u n-numru tal-permess tal-Mepa huwa PA3514/10. | Ksur tal-kontroll tal-ippjanar fi Triq il-Buskett |
| 2.03 | 3.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li peress li l-proposta dwar l-*intra locality bus* tinkludi r-Rabat kollu, hija issuġġeriet li peress li l-Gvern ser jibdel xi rotot, l-ewwel għandna naraw kif ser ikunu r-rotot il-ġodda. | Tneħħija ta' *bus stop* minn Triq Godwin Ganado |



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Renate Guillaumier

Is-Sur Christopher Farrugia saħaq li għandna nkunu proattivi u għaldaqstant ippropona li għandha ssir laqgħa mal-Awtorita tat-Trasport qabel ma jidħlu fis-seħħ ir-rotot il-ġodda. Issekonda din il-proposta s-Sur Sam Abela. Il-Kumitat qabel unanimament.

2.04 3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li ma kienx possibbli illi ssir *shed* peress li din tkun ta' ostaklu għall-kuntrattur biex ibattalhom. — *Bring-in-sites* fi Triq Godwin Ganado u fi Triq tal-Virtù

Dwar l-*bring-in-sites* ta' Triq tal-Virtù, hija saħqet li dawn tneħħew peress li ma kienx jagħmlu parti mill-kuntratt il-ġdid. Però hija infurmat il-laqgħa li skont dan il-kuntratt, suppost kellu jkun hemm skip tal-ħġieġ. Għaldaqstant hija ser tikkuntattja lil-kumpanija GreenMt sabiex ipoġġi din l-iskip.

2.05 3.06 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li hu tkellem personalment mal-persuna li żergħat dawn is-siġar. Peress illi l-għeruq tas-siġar qalgħu l-wiċċ tal-bankina, huwa tah struzzjonijiet sabiex jirranġa din il-ħsara. — Siġar miżrugħin fil-bankina ta' Triq Ġużeppi Caruana

Is-Sna Renate Guillaumier infurmat il-laqgħa li hija marret fuq il-post u qalet li kien hemm xi ħaddiema jaħdmu fuqhom.

2.06 3.07 Iċ-Ċerpersin ippropona li fl-istess ittra għandna nżidu wkoll informazzjoni oħra; fejn jinsabu l-*bring-in-sites* u kull min ikollu bżonn is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff għandu jċempel l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill. Din l-ittra għandha tiġi ċċirkolata bejn il-membri qabel ma tintbagħat lir-residenti. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel unanimament . — Ittra lir-residenti biex jiżbru s-siġar li qed joħorġu għal fuq il-bankini

2.07 3.08 Is-Sra Renate Guillaumier ippoponiet infurmat li jsir *refresh tad-double yellow lines* li hemm fil-kantunieri. Issekonda din il-proposta ċ-Ċerpersin Sam Abela. Il-Kumitat qabel unanimament. — Talba għal *refresh* ta' *double yellow lines* fil-kantunieri

2.08 3.11 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li tkellem mas-Sindku dwar it-telqa li jinsabu fiha *s-soft areas* f'tal-Virtù. Is-Sindku infurmah illi dan ix-xogħol kellu jsir f'Settembru. Iċ-Ċerpersin saħaq li qatt ma nżergħu fjuri f'dawn is-*soft areas* u għaldaqstant ppropona li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel unanimament. — Tindif u tisbiħ tas-*soft areas*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet ser tinforma lill-*contracts manager* sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur li jieħu ħsieb dawn is-*soft areas*.

2.09 3.12 Iċ-Ċerpersin informa l-laqgħa li bagħat imejl lill-HSBC sabiex jisponsorjaw dawn it-tabelli. S'issa għad ma kellux risposta dwar jekk hux ser jilqagħu t-talba tal-Kumitat Amministrattiv. — Bdil tat-tabelli 'Merħba f'tal-Virtù'

2.10 3.13 Iċ-Ċerpersin qal li l-idea li tintbagħat ittra lir-residenti hija sabiex jintroduċu lilhom infushom u jirringrazzjawhom tal-fiduċja illi wrew fihom. F'din l-istess ittra għandu jitniżżel l-imejl tal-Kunsill u nitolbuhom jibagħtu l-ilmenti/suġġerimenti tagħhom fuq l-istess indirizz elettroniku. Barraminhekk għandu jitniżżel ukoll l-avviż dwar is-*shrubs* u fejn jinsabu l-*bring-in-sites*. Il-Kumitat qabel unanimament . — Kwestjonarju

## 3.00 Komunikazzjoni mill-membri



Renate Guillaumier

| | | |
|---|---|---|
| 3.01 | Iċ-Ċerpersin ippropona li għandha tintbagħat *reminder* lid-Dipartment tal-Artijiet dwar il-ħajt fi Triq Godwin Ganado u għandu jiġi kkuppjat il-Ministru responsabbli minn dan id-Dipartiment. F'din l-ittra għandna nisħqu li dan il-każ ilu għaddej tliet snin u hemm bżonn illi x-xogħol fuq dan il-ħajt jitkompla mill-aktar fis possibbli. Issekondat din il-proposta s-Sna Audrey Sant. Il-Kumitat qabel unanimament . | Ħajt fi Triq Godwin Ganado |
| 3.02 | Is-Sna Renate Guillaumier ġibdet l-attenzjoni illi kien hemm żewġ siġriet imħawlin fil-bankina fi Triq Ġużeppi Caruana. Iċ-Ċerpersin saħaq illi għandha tittieħed l-istess proċedura li ttieħdet fil-konfront tal-persuna li ħawlet is-siġar fil-bankina f'din l-istess triq. Għaldaqstant huwa ppropona li jkellem lil din il-persuna personalment sabiex jirregolarizza din is-sitwazzjoni. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel unanimament . | Siġar imħawwlin fil-bankina fi Triq Ġużeppi Caruana |
| 3.03 | Iċ-Ċerpersin ippropona li jsir *refresh* tar-roundabout li tinsab fi Triq tal-Virtù k/m Triq Francesco Azopardi. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel unanimament . | Refresh tar-roundabout fi Triq Tal-Virtù k/m Triq F Azopardi . |
| 3.04 | Iċ-Ċerpersin ippropona li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankijiet li jinsabu fi Triq il-Buskett, kif ukoll illi jinbidlu l-*litter bins* peress dawn li hemm jinsabu mkissrin. Issekondat din il-proposta s-Sna Renate Guillaumier. Il-Kumitat qabel unanimament. | Xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankijiet ta' Buskett Rd u bdil ta' *litter bins* |
| 3.05 | Iċ-Ċerpersin talab il-koperazzjoni tal-membri kollha sabiex kull meta jkun hemm laqgħa li jkunu mistiedna għaliha, huwa ferm importanti illi ssir koordinazzjoni bejniethom sabiex jattendi xi ħadd minnhom. | |
| 3.06 | Is-Sna Audrey Sant ipproponiet illi terġa' tibda titħaddem in-*Neighbourhood Watch.*<br><br>Is-Sur Christopher Farrugia saħaq illi jaqbel ma' din il-proposta. Huwa qal li għandhom jiġu identifikati madwar sitt persuni illi għandhom għajn għal xi affarijiet mhux regolari jew suspettużi fiż-żona sabiex jagħmlu parti minn din l-inizjattiva. Huwa ppropona li l-membri għandhom jagħmlu identifikazzjoni tal-persuni.<br><br>Is-Sna Audrey Sant ser tkun inkarigata mill-ġbir tal-kwotazzjonijiet għall-*istickers*.<br><br>Issekonda din il-proposta ċ-Ċerpersin Sam Abela. Il-Kumitat qabel unanimament. | *Neighbourhood Watch* |
| 3.07 | Is-Sna Renate Guillaumier ġibdet l-attenzjoni dwar toqba li hemm fuq il-bankina, quddiem ir-residenza numru 5, Triq Francesco Azopardi k/m Triq Godwin Ganado. | Toqba fuq il-bankina quddiem 5, Triq Francesco Azopardi |
| 3.08 | Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex ma jħallux lis-sewwieqa tax-xarabanks jieqfu jistrieħu f'Tal-Virtù. Issekonda ċ-Ċerpersin Sam Abela. Il-Kumitat qabel unanimament . | Sewwieqa tax-xarabanks |
| 3.09 | Iċ-Ċerpersin ippropona li nitolbu li ssir laqgħa mas-Seminarju sabiex jiġu diskussi l-kwistjonijiet tat-trasport u l-attivitajiet li jkollhom matul is-sena. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-Kumitat qabel unanimament . | Laqgħa mas-Seminarju |



Renate Guillaumier

**4.00 Materji Oħra**

Ma kien hemm l-ebda materja oħra x'tiġi diskussa. Materji oħra

**5.00 Data tas-seduta li jmiss**

5.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 7 ta' Ottubru 2014 fis-5.45 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

5.02 Il-laqgħa ntemmet fit-7.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 7 ta' Ottubru 2014

Renate Giuliani Ms
f/ **Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**